MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2009

Mandat Numru. 1123/2009/1

Jonathan **GRECH**

vs

**L-AWTORITA' MARITTIMA TA' MALTA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-8 ta' Lulju, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrent talab li din il-Qorti toħroġ Mandat ta' Inibizzjoni biex iżżomm lill-Awtorita' intimata milli tbigħ, tneħħi, tittrasferixxi jew tiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi proprjeta', u b'mod partikolari, milli "tagħmel kwalsiasi xogħol, permess (*recte*: permezz) ta' tqegħid ta' *markers*, xbieki, jew kwalsiasi apparat jew indikaturi oħrajn, illi bih jiġi imblukkat, miżmum jew miċħud l-aċċess tal-opra tal-baħar *MY Romantica* operata mir-rikorrenti għal *jetty* li jinsab sitwat quddiem Buġibba Square, Buġibba, liema divjet, jekk jitħalla jsir, jiċħad għal kollox l-aċċess meħtieġ biex ir-rikorrenti jeżerċita x-xogħol tiegħu";

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Lulju, 2009, li bih laqgħet provviżorjament it-talba, ordnat in-notifika lill-intimata u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tat-23 ta' Lulju, 2009;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Awtorita' intimata fit-13 ta' Lulju, 2009, li biha laqgħet għat-talba tar-rikorrenti billi qalet, b'mod preliminari, li l-att ma jiswiex għaliex imressaq fuq formola li ma tgħoddx għall-każ, u wkoll li t-talba m'hijiex legalment sostenibbli. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li ma jeżistux ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat, u għalhekk it-talba jmissha titwarrab;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula minn rappreżentant tal-Awtorita' intimata għall-finijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Lulju, 2009, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Tqis li r-rikorrent huwa wieħed mis-sidien reġistrati tal-opra tal-baħar *MY Romantica* li ġġorr passiġġieri bejn Buġibba u l-Gżejjer ta' San Pawl u Kemmuna, u dan kif ilha tagħmel għal dawn l-aħħar snin[1];

Tqis li biex tgħabbi u tniżżel lill-passiġġieri tagħha, l-imsemmija opra tal-baħar torbot ma' moll qrib *slipway* max-xtajta ta' Buġibba[2]. Dwar dan kien ingħata permess espress u temporanju mill-istess Awtorita' intimata f'Lulju tal-2001[3], li ġie mġedded darba;

Tqis li, sewwasew biswit l-imsemmi moll[4], hemm bajja żgħira użata sewwa minn bosta għawwiema;

Tqis li b'Avviż lill-Baħħara maħruġ fl-4 ta' Ġunju, 2009[5], taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 352 tal-Liġijiet ta' Malta u

[1] Xhieda tal-kaptan George Grech 23.7.2009 f'paġġ. tal-atti
[2] Ara d-Dokument "Figure 18", f'paġ. 25 *tergo* tal-atti
[3] Dok "GG1", f'paġ. 57 tal-atti
[4] Dok "MMA2", f'paġ. 36 tal-atti

r-Regolamenti tal-1975 dwar l-Irmiġġi, l-Awtorita' intimata stabiliet żoni ħielsa mit-tbaħħir ta' bċejjeċ tal-baħar f'għadd ta' nħawi mal-kosta tal-Gżejjer Maltin, u dan għaż-żmien bejn il-15 ta' Ġunju, 2009 sat-30 ta' Settembru, 2009;

Tqis li waħda minn dawn iż-żoni hija dik fejn il-bastiment tar-rikorrent jorbot biex jgħabbi u jniżżel il-passiġġieri fil-Bajja ta' Buġibba;

Tqis li rriżulta li għal żmien kienu tressqu lmenti minn persuni li jgħumu fil-bajja u minn awtoritajiet lokali kontra l-periklu u l-inkonvenjent li l-bastiment tar-rikorrent kien iġib lil min ikun jgħum fil-qrib[6];

Tqis li l-Awtorita' intimata għamlet disponibbli lir-rikorrent post ieħor mnejn jista' jgħabbi u jniżżel lill-passiġġieri mill-bastiment tiegħu[7] sa minn għadd ta' xhur qabel inħareġ l-imsemmi Avviż lill-Baħħara[8];

Tqis li **l-preġudizzjali preliminari** mqajmin mill-Awtorita' intimata, jolqtu l-qalba tal-proċedura meħuda mir-rikorrent, għaliex tgħid li t-talba tressqet fuq Formola ta' Mandat li m'hijiex dik li messha ntużat. Kemm hu hekk, mill-intestatura nnifisha tal-Mandat imressaq mir-rikorrent jissemma "*Mandat ta' Inibizzjoni (fejn it-talba teċċedi l-Lm 4,000)*" (Formola 25) li tgħodd għall-artikolu 874 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Awtorita' intimata tgħid li r-rikorrent messu nqeda bil-Formola 21, li tgħodd għall-artikolu 873 tal-istess Kodiċi;

---

[5] Dok "MMA1", f'paġġ. 13 – 7 tal-atti
[6] Dok "MMA3", f'paġġ. 38 sa 41 u 47 tal-atti
[7] Dok "MMA4" f'paġ. 48 tal-atti
[8] Xhieda ta' Mark Bruno Olivier 23.7.2009, u d-dok "MMA4" f'paġġ. tal-atti

Tqis li huwa stabilit li l-ħruġ ta’ Mandat m’għandux, normalment, jiddewwem bit-tqanqil ta’ eċċezzjonijiet preliminari, jekk mhux minħabba difett fir-rekwiżiti ta’ forma preskritti mil-liġi[9]. Dan jingħad ukoll b’żieda mal-prinċipju l-ieħor li, sakemm ma jinħalaqx preġudizzju lill-parti l-oħra, safejn jista’ jkun att ġudizzjarju għandu jiġi salvat u mhux imħassar;

Tqis li l-liġi trid[10] li talba għall-ħruġ ta’ Mandat kawtelatorju ssir b’rikors imħejji mir-rikorrent fuq il-formola stabilita, li, quddiem din il-Qorti, tkun skond dak li jinsab fl-Iskeda B mehmuża mal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili[11];

Tqis li l-għaref difensur tar-rikorrent, waqt it-trattazzjoni tal-każ, issottometta li għalkemm huwa minnu li l-formola li nqeda biha r-rikorrent tintuża għal dak il-Mandat maħsub fl-artikolu 874 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, madankollu, dik il-formola tgħodd ukoll għal mandat ta’ Inibizzjoni taħt l-artikolu 873, u li, f’kull każ, jekk hemm xi nullita’, ma hijiex nullita’ li ma tistax tissewwa taħt xi dispożizzjoni oħra tal-liġi jew li ġabet xi preġudizzju irrimedjabbli lill-Awtorita’ intimata;

Tqis li f’dan il-każ, il-formola li nqeda biha r-rikorrent hija waħda fejn il-parti intimata tintalab li tinżamm milli tittrasferixxi xi ġid taħt kull titolu li jkun. Dan ukoll huwa l-għan dikjarat mil-liġi għall-ħruġ ta’ Mandat bħal dak[12]. Fil-każ tal-lum, intwera b’mod ċar li l-Awtorita’ intimata ma kellha u m’għandha l-ebda ħsieb li teħles minn xi ġid tagħha jew li hu mħolli f’idejha jew li tgħabbih b’xi piż jew dritt rejali jew personali. Għalhekk, minkejja l-premessi l-oħrajn kollha tar-rikors promotur, il-Qorti ma tista’ qatt tilqa’ talba li żżomm trasferiment bħal dak. Il-Qorti tqis li d-diskors kien ikun mod ieħor kieku, biex iħares talba għat-twaqqif ta’ trasferiment ta’

[9] App. Ċiv. **11.5.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **XLVI.i.242**)
[10] Art. 831(1) tal-Kap 12
[11] Art. 1007(1) tal-Kap 12
[12] Art. 874(1) tal-Kap 12

proprjeta', r-rikorrent inqeda bil-formola "ġenerali" tal-Mandat ta' Inibizzjoni (jiġifieri Formola 21);

Tqis ukoll li lanqas ma jista' jkun salvat l-att billi jsiru bidliet fih bħalma jfisser l-artikolu 187 tal-Kodiċi, għaliex bidliet bħal dawk ikunu qegħdin effettivament jissostitwixxu att ġudizzjarju b'ieħor differenti u jkunu wkoll bidliet li jolqtu s-sustanza tat-talba;

Tqis, għalhekk, li l-eċċezzjoni preliminari mqanqla mill-Awtorita' intimata hi mistħoqqa għall-finijiet tal-artikolu 789(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tqis ukoll, li t-talba tar-rikorrent ma tgħaddix mill-għarbiel tal-kwalifiki tal-elementi meħtieġa, b'mod partikolari dak tal-jedd *prima facie* u dan għaliex ir-rikorrent ma fisser bl-ebda mod x'inhu l-jedd li jrid iħares bil-ħruġ tal-Mandat, jew kif il-jedd li jgħid li jgawdi jista' jiddeduċih b'kawża quddiem il-Qorti li kieku, bl-użu tal-formola x-xierqa, l-Qorti kellha tasal li ssib li kienu jeżistu l-elementi l-oħrajn mistennija f'Mandat ta' Inibizzjoni[13];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat billi l-att imressaq minnu ma jgħoddx għall-Mandat li jrid il-ħruġ tiegħu u wkoll billi ma jirriżultawx ir-rekwiżiti kollha meħtieġa għall-ħruġ tiegħu, tħassar *contrario imperio* d-degriet tagħha tat-8 ta' Lulju, 2009, safejn kienet laqgħet it-talba b'mod provviżorju, u tordna li l-istess rikorrent iħallas l-ispejjeż.

[13] P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Vassallo vs Bartolo noe et***

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------